**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Città Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 10/11. | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 10-11-2011 fis-6.45pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369 | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti mis-7.20pm |
| | | Camilleri Claude | Assenti |
| | | Darmanin Richard | Preżenti sat-8.15pm |
| | | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | | Hales Joseph | Preżenti |
| | | Pace Darrell | Preżenti mis-7.05pm |
| | | Seychell Anthony | Preżenti |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Skużata |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistant Principal Joanne Muscat | |

## 10. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 1. 1 | | | **Il-Minuti 08/11 inqraw mis-Sindku u wara li saru il-korezzjonijiet meħtieġa, ġew approvati nem.com. Il-minuti wara ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | |
| | 09.3.13 | Julio Camilleri - Żejtun Corinthians Youth Nursery | Flok stand oħra ta' l-ikel irridu jitnizlu il-kliem stands oħra ta' ikel u xorb | |

## 10. 2. Rapporti mill-Minuti

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 2. 1 | 09.2.1 | Sindku - Swieq | Is-Sindku informa lil Kunsill li bħalissa qed isir spezzjoni oħra tas-suq mill-Kunsillier Richard Darmanin biex il-Kunsill ikollu stampa ċara tas-sitwazzjoni. Hawnhekk il-Kunsillier Richard Darmanin spjega kif hu ġibed l-attenzjoni tal-bejjiegħa sabiex kulħadd izommu postu u li daqs tal-kaxxa għandha tkun koretta. Is-Sur Joe Hales issugerixxa biex jitranġa il-passaġġ forsi jidħlu aktar postijiet. Qabel ma tiġi ppubblikata l-lista tan-nies li hemm fil-*waiting list* fil-Gazzetta tal-Gvern, ser jiġu allokati il-posti kollha li bhalissa hemm vakanti kif kienu mwiegħda xhur ilu. Sa l-aħħar ta' Novembru ser tiġi allokata wkoll il-lista sħiħa tal-'hawkers li għandhom posta fis-suq. | Richard Darmanin |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 2. | 2 | | 09.2.3 | Sindku - Skema tal-Housing Hal-Tmiem Housing Estate | Is-Sindku spjega kif il-Housing issa iddecidew li x-xogħol pjanat ser isir biss fuq il-komun u mhux fuq is-soqfa peress li l-fondi li hemm ivutati għal dan il-proġett mhux ser ikunu bizzejjed biex ikopru l-ispiza kollha. Is-Sindku inkariga lis-Segretarjat biex jagħmel kuntatt mal-kuntrattur sabiex jinghatalu t-taghrif fuq dan l-izvilupp. Is-Sindku qal li l-aħħar pass huwa il-proġett ta' madwar il-binjiet. Fuq il-kwistjoni ta' Blokk C Ta' Ganza, infurmawna li r-responsabbilita tal-lift hija ta' l-inkwilini fil-blokk kollu. | Sindku / Viċi Sindku |
| 10. | 2. | 3 | | 09.2.4 | Sindku - Press Conference f'M'Xlokk | Sindku informa lil Kunsill li skond informazzjoni li waslitu il-Power Station ser tithaddem bid-Diesel Oil. Is-Sindku fakkar li l-minuti tal-laqgħa li kienet saret il-Power Station għadhom ma waslux. Hawn hekk is-Sindku inkariga lis-Segretarjat sabiex għal darb'oħra jintalbu l-minuti. | Segretarjat |
| 10. | 2. | 4 | | 09.2.5 | Sindku - Tilqima kontra l-influenza | Sindku informa lil Kunsill li minħabba ċirkostanzi li l-Kunsill ma kellux kontroll fuqhom, it-tilqima ta' kontra l-influenza ġiet postposta għal data oħra. Dan għaliex il-vaċċin għadu ma wasalx Malta. Sar ftehim mas-Segretarjat biex l-appuntamenti isiru iktar spazzjati minħabba l-ispazju limitat tal-Berġa u biex l-anzjani ma joqgħdux jistennew ħafna biex jinqdew. | Segretarjat |
| 10. | 2. | 5 | | 09.2.6 | Sindku - Ħarsien mid-Droga fiż-Żejtun | Is-Sindku informa lil Kunsill li din il-ġimgħa saret laqgħa mat-taqsima tad-drug squad fuq il-ħarsien mid-droga fiż-Żejtun. Hawn hekk il-Kunsillier Richard Darmanin ġibed l-attenzzjoni fuq in-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-Pulizija u l-Kunsill Lokali. | |
| 10. | 2. | 6 | | 09.2.9 | Sindku - Tender tal-Perit | Is-Sindku spjega kif l-informazzjoni intbghatet kollha u li ser issir it-tieni seduta nhar il-21 ta' Novembru. | Sindku |
| 10. | 2. | 7 | | 09.3.1 | Sindku - Reġjun | Is-Sindku spjega kif ir-Reġjun talab stima ta' kemm intefqu flus is-sena l-oħra fuq id-dawl tat-toroq. Din l-informazzjoni intalbet għaliex hemm il-ħsieb li r-responsabbilita' tad-dawl tat-toroq tgħaddi f'idejn ir-Reġjun. | Segretarjat |
| 10. | 2. | 8 | | 09.3.5 | Sindku - City Security | Sindku informa lil Kunsill li s-Sur Richard Darmanin kellu jagħmel kuntatt mal-Manager ta' l-HSBC. Il-Kunsillier Darmanin qal li hu mar fuq il-post u qiegħed jindaga fuq il-kaz. | Richard Darmanin |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 2. | 9 | | 09.3.7 | Sindku - GARMED | Sindku informa lil Kunsill kif għal din l-istedina sabiex nissieħbu mal-GARMED għandhom jiġu avviċinati xi studenti sabiex ikunu wkoll parti minn dan il-proġett. | Hales / Sindku |
| 10. | 2. | 10 | | 09.3.10 | Sindku - Plakka tal-isem ta' Sqaq Triq Luqa Briffa | Fuq dan ir-rigward il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Joe Hales ftehmu sabiex imorru fuq il-post biex jaraw kif u fejn l-aħjar li titpoġġa l-plakka ta' l-isem ta' Sqaq Luqa Briffa. | Viċi Sindku / Joe Hales |
| 10. | 2. | 11 | | 09.3.11 | Richard Darmanin - Parking space għal mutur fi Triq Mikiel Cachia | Il-Kunsillier Richard Darmanin spjega kif mar fuq il-post izda ġie mogħti informazzjoni mhux korretta. Hu informa lil Kunsill li ser jerġa jagħmel spezzjoni oħra. | Richard Darmanin . |
| 10. | 2. | 12 | | 09.3.13 | Sindku - Youth Nursery Marathon | Sindku talab lil Kunsill biex jingħata l-permess li Ġnien San Girgor jintuża mingħajr ħlas għal din l-attivita'. Huwa spjega ukoll li hemm għaddej ftehim bejn is-Sur Quirolo l-persuna li qed tmexxi l-kiosk bħalissa u ż-Żejtun Corinthians fuq il-bejgħ ta' ikel u xorb waqt din l-attivita. Hawnhekk is-Sindku qal li kull fethim li jsir il-Kunsill irid jiġi infurmat u jsir kollox bil-miktub mal-Kunsill. Is-Sindku informa lil Kunsill li rċieva applikazzjoni mingħand Cancu fuq it-trackless trains għal waqt din l-attivita. Tqajmu xi punti rigwrad minn fejn għanda tagħdi t-train, fejn saru xi tibdiliet fir-rotta minħabba traffiku. Ġie suġġeriet ukoll li z-Zejtun Corinthians Youth Nursery għandhom jitkellmu mal-pulizija minħabba l-immaniġjar tal-parking fit-toroq. | Sinkdu |
| 10. | 2. | 13 | | 09.5.1 | Viċi sindku - Child Day Care Centre | Il-Viċi Sindku saqsiet fuq il-kwistjoni mal-KNPD rigward il-lift li hemm fi Child Day Care Centre. Is-Sindku informa lil Kunsill li qed nistennew li sir laqgħa dwar dan il-każ mal KNPD. | Sinkdu |
| 10. | 2. | 14 | | 09.9.2 | Sindku - Qtates jiġru barra fit-toroq | Sindku informa lil Kunsill li wara diversi rapporti li saru lil tas-Sanita, dawn infurmawna li din il-kwistjoni ma taqax taħt ir-responsabbilita tagħhom. Is-Segretarju spjega kif saru tentattivi oħra sabiex dawn il qtates jinġabru mit-toroq iżda l-ħlas għal dan is-servizz huwa għoli ferm. | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 2. | 15 | | 09.9.7 | Sindku - Flood Lights | Sindku rraporta li dawn l-Flood lights ta fejn ic-ċimiterju issa issewwew . Il-Kunsillier Anthony Seychell informa lil Kunsill li fil-fatt hemm wieħed nieqes. Hawn hekk il-Kunsillier Richard Darmanin rraporta kif ta' l Enemalta ġew biex ineħħu ż-żewġ fanali li kienu jagħtu għal fuq il-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena. Minn nformazzjoni li għandna l-Enemalta qed tagħmel xi tip ta' survey biex fejn hemm dawl żejjed dan jitneħħa. Sindku informa lil Kunsill li dawn il-flood lights kienu mogħtija lil parroċċa mill-Enemalta stess biex dawn jitwaħħlu u jdawlu l-Knejjes u li aħna bħala Kunsill ħadna ħsieb it-twaħħil tagħhom. Il-Kunsill kiteb lis-Sur Farrugia tal-Enemalta li jieħu ħsieb id-dawl ta' barra fuq din il-kwistjoni, iżda sal-lum għadu ma wieġibnix. | |
| 10. | 2. | 16 | | 09.9.13 | Sindku - Hoarding fi Triq Guzi Abela | Sindku nforma lil Kunsill li s-Segretarjat mar fuq il-post u ittieħdu xi rittrati tal-hoarding fi Triq Guzi Abela. Dawn inbaghtu għall-attenzzjoni tal-MEPA. | Segretarjat |
| 10. | 2. | 17 | | 09.9.10 | Sindku - Arblu tad-dawl fi Triq Nikol Attard | Sindku informa lil Kunsill li dwar l-arblu tad-dawl li hemm fin-nofs tat-triq fi Triq Nikol Attard, Segretarjat kiteb lil Enemalta fuq dan il-każ. | Segretarjat |
| 10. | 2. | 18 | | 09.9.15 | Sindku - Trakk tal-ħaxix fil-kantuniera quddiem Paradise Store | Sindku informa lil Kunsill bil-periklu kontinwu li qed ikun hemm fi Triq Sant'Antnin k/m Misrah Bandolier fejn qed ikun hemm trakk tal-ħaxix ipparkjat quddiem Paradise Store. Sindku inkariga lis-Segretarjat sabiex jikteb lil tal-ħanut biex dan it-trakk jitneħħa minħabba l-periklu li qiegħed joħloq. | Segretarjat |
| 10. | 2. | 19 | | 09.9.18 | Sindku - Impjegata Caroline Schembri | Sindku informa lil Kunsill li l-maternity leave tas-Sinjura Caroline Schembri wasal biex jiskadi. Minn email li rcieva s-Segretarju huwa informa lil Kunsill li skond ma qalet Sinjura Schembri għal xi raguni għadha mhiex tajba għax-xogħol u li fil-ġranet li ġejjien ser nirċievu ċertifikat mediku. Sindku reġa għal darb'oħra inkariga lis-Segretarjat sabiex jagħmel kuntatt mas-Sinjura Schembri sabiex tinfurmana meta beħsieba tidħol lura għax-xogħol. | Segretarjat |
| 10. | 2. | 20 | | 09.9.19 | Viċi Sindku - Weekend Break | Il-Viċi Sindku tagħt rapport dwar il-Weekend Break li sar ġewwa l-Qawra Palace Hotel bejn it-28 u t-30 t'Ottubru. Hija qalet li għal darba ohra dan il-weekend break kien suċċess. | Viċi Sindku |
| 10. | 2. | 21 | | 09.9.21 | Viċi Sindku - Children's Day | Il-Viċi Sindku qalet li Children's Day li saret nhar l-1 ta' Novembru ġewwa Żejtun Home kienet suċċess kbir tant li ser tidħol fil-kalendarju tal-attivitajiet. | Viċi Sindku |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 3. | | | | **Korrispondenza** | | |
| Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML10/11. B'riferenza għal: | | | | | | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. | 3. | 1 | | 02 | MEPA - Jum Dinji għall-Ambjent | Sindku qara il-korrispondenza fejn informal il Kunsill li din il-kompetizzjoni intrebħet minn tifla miż-Żejtun. Il-Viċi sindku ser tinkariga ruħa tifraħ lil din it-tifla. | Viċi Sindku |
| 10. | 3. | 2 | | 08 | PIN - Kotba Teżori fil-Knejjes Maltin | Sindku informa lil Kunsill li ħareġ l-erbatax - il volum tat-Teżori tal-Knejjes Maltin u inkariga lil Kunsillier Anthony Seychell sabiex jieħu ħsieb jiġbor dawn il-kotba. | Anthony Seychell |
| 10. | 3. | 3 | | 09 | Proġett JANUS | Sindku spjega kif il-Kunsill ġie mitlub jipparteċipa fil-proġett JANUS. F'dan ir-rigward tiġi inkarigata tieħu ħsieb il-Viċi-Sindku. | [redacted]ace |
| 10. | 3. | 4 | | 11 | Skema PPP | Sindku informa lil Kunsill li inktibet ittra sabiex jiddaħlu sitt toroq oħra f'dan il-proġett. Ir-risposta li ingħatat mingħand id-Dipartiment kienet li għandna nergghu nikkuntattjawhom fil-bidu tas-sena 2012. | Sindku |
| 10. | 3. | 5 | | 12 | Affarijiet propjeta tal-Kunsill għal rimi | Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tintremma keyboard propjeta tal-Kunsill għaliex din ma taħdimx. Il-Kunsill qabel nem.com. | Segretarjat |
| 10. | 3. | 6 | | 13 | Wirt iż-Żejtun - stedina | Sindku qara l-ittra li rċevejna mingħand Wirt iż-Żejtun dwar attvita li ser issir nhar il-Ħadd 20 ta' Novembru fejn ser tingħata tislima lil Girgor Bonici. Il-Kunsill kollu mistieden għal din l-attivita. Hawn hekk il-Viċi Sindku spjegat kif ġiet avviċinata mis-Sur Cutajar( kaxxier tal-għaqda Wirt iż-Żejtun) sabiex jingħataw €100 talli organizzaw l-wirja fiċ-Circolo Sta Katarin peress li ħallsu din is-somma ghall l-użu tas-sala. Din it-talba ma ntlaqgħetx peress li l-Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet. Il-Kunsill qabel nem.com. | |
| 10. | 3. | 7 | | 14 | TM - Triq Connaught | Sindku spjega l-kwistjoni tal-parking li inqalet fi Triq Connaught u li issa ilha għaddejja minn Ġunju. Is-Sindku informa lil Kunsill li fuq istruzzjonijiet tat-Transport Malta l-parking ser jiċċaqlaq għan naħa l-oħra tat-Triq. | Sindku |
| **10.** | **4.** | | | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. | 4. | 1 | | | Tabella tal-ħlasijiet 09/11 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 4. | 1 | | 48 | PBS | Il-Kunsill qabel nem.com li dan il-kont ma għandux jitħallas għaliex dan huwa diġa mħallas. | |
| | | | | | | | |
| **10.** | **5.** | | | | **Rapport dwar toroq PPP** | | |
| Riferenza | | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. | 5. | 1 | | 09.3.2 | Sindku - Proġett tal-PPP | Is-Sindku informa lil Kunsill kif ix-xogħol fi Triq Bisqallin issa huwa kważi lest u li ser jitlesta l-wiċċ fil jiem li ġejjin. Bħalissa qed isir it-tbiddil tal-'mains' tal-ilma fi Triq Lvant u wara jinbeda x-xoghol fi Triq il-Helsien. | Sindku |
| | | | | | | | |
| **10.** | **6.** | | | | **Servizz tal-Arriva fiz-Zejtun** | | |
| Riferenza | | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. | 6. | 1 | | 09.2.2 | Sindku - | Sindku informa lil Kunsill kif intbagħtet ittra lil Prim Ministru fuq is-sitwazzjoni tat-trasport pubbliku fiż-Żejtun. Ħadna tweġiba mingħand Ms Josephine Vassallo - Segretarja tal-Prim Ministru fejn qallet li ż-Żejtun huwa moqdi tajjeb bis-servizz ta' l-Arriva. Is-Sindku spjega kif saret talba lil Ms Vassallo sabiex din il-korrispondenza tiġi mogħddija lil Task Force kif ukoll li nkitbet ittra lil Onor Chris Said dwar din il-kwistjoni. Hawn hekk is-Sindku fakkar li l-Onor Said ser izur il-Kunsill nhar it-23 ta Novembru fis-1.00pm. | |
| **10.** | **7** | | | | **Attivitajiet tal-Milied** | | |
| Riferenza | | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| **10.** | 7. | 1 | | 09.9.25 | Sindku - Riċeviment tal-Milied | Sindku informa lil Kunsill li r-riċeviment annwali li jsir ta' kull sena ġewwa s-Sala Alexandria din is-sena ser isir nhar il-Ħamis 22 ta' Diċembru. Segretarjat informa lil Kunsill li diġa sar kuntatt mal-Ariċipriet għal dik id-data. | |
| | | | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li nhar it-13 ta' Diċembru ser isir mawra għal- Għawdex fejn waħda mill-attrazzjonijiet ser ikun il-presepju ħaj li jitella' ġewwa Għajnsilem. | Viċi Sindku |
| | | | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li fis-7 ta' Jannar 2012 ser isir id-Dinner Dance tal-Milied. u fis 17 ta' Diċembru il- Party [illegible] tat-tfal | Viċi Sindku |
| | | | | | | | |
| **10.** | **8.** | | | | **Photovoltaic Panels fil-Kunsill** | | |
| Riferenza | | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 8 | 1 | | | Sindku | Sindku informa lil Kunsill kif tal-Alberta ġew il-Kunsill fejn saret spezzjoni tal-bejt u saqaf. Saret diskussjoni magħhom rigward l-ammont annwali ta' Kilo Watts li s-sistema ser tissuplixxi fejn wara diskussjoni twila l-Alberta qablu li ser jigarantixxu l-minimu ta' 15 KW kuljum. Sindku spjega kif sa xahar ieħor dan l-apparat irid ikun twaħħal. Il-ħaddiema tal-Kunsill ser jagħmlu bażi strutturali għall Pannelli. | Sindku |
| | | | | | | | |
| 10. | 9. | | | | **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. | 9. | 1 | | | Anthony Seychell | Sabiex inħeġġu lil Maltapost toħroġ bolla kommemorattiva f'għeluq il-75 sena anniversarju mit-twaqqif ta' l-ewwel soċjeta filatelika f'Malta, li kien propju fiż-Żejtun. Il-Kunsill qabel nem.com | Anthony Seychell |
| 10. | 10. | | | | **Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. | 10. | 1 | | | Sindku - Proġett Sqaqien fil-Kampanja | Sindku informa lil Kunsill fuq il-proġett li hemm il-ħsieb li jsir fejn bosta sqaqien fil-kampanja ser jingħataw wiċċ ġdid. Sindku flimkien mal-Kunsillier Joe Hales elenkaw bosta inħawi speċjalment fejn hemm bdiewa *full timers*. Dawn huma:- Triq Xrobb l-Għagin Sqaq no: 3 tad-dawl, Sqaq No:4 u 5 ta' Fenech, Sqaq No: 8, Triq Ħaz-Zabbar Sqaq No: 3 . Triq Hajt il Wied l-aħħar parti , Triq Strejnu Sqaq No: 2., Tal Kotob kantuniera ma Triq Santu Kristu u Sqaq Brieqex fi Triq ir-Ramla | Sindku |
| 10. | 10. | 2 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sinkdu proponiet sabiex isir plakka mal-ħajt taċ-Ċentru Arti u Artiġjanat biex tindika l-isem tal-post. Il-Kunsill qabel nem.com. | Vici-Sindku |
| 10. | 10. | 3 | | | Stefanie Fenech | Il-Kunsilliera Stefanie Fenech spjegat kif mitluba nirrifondu €700 fuq il-kwistjoni tal-proġett taż-Żgħażagħ meta fil -fatt lanqas intefqu 80% mill-fondi. Din it-talba qieghda ssir għaliex l-andament tal-proġett ma mexiex eżatt mal-proposal li sar oriġinali. Sar qbil li Segretarjat għandu jikteb sabiex jagħmel claim. Il-Kunsilliera Fenech qalet ukoll li hemm il-ħsieb li jsiru workshops għaż-Żgħażagħ rigward Street Art fejn il-quddiem isir l-iskate area ta' Ġebel San Martin. | |
| 10. | 10. | 4 | | | Darrell Pace | Il-Kunsillier Darrell Pace saqsa fuq il-playing field ta' Ġnien San Girgor. Sindku wieġeb li l-proġett ġew sottomessi ħmistax ilu. Pace saqsa ukoll jekk il-ħitan tal-madwar humiex ser jiġu rranġati ukoll. | Sindku |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 10. | 5 | | | Anthony Seychell | Il-Kunsillier Anthony Seychell ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fl-inħawi ta' Triq Ħerba hemm ħafna dlam. Huwa rraporta ukoll li ċertu toroq bħal Triq Mikiel Cachia u Triq il-Qalb ta' Ġesu hemm ċertu bozoz li wħud minnhom jagħtu dawl isfar u oħrajn dawl abjad. | Sindku |
| 10. | 10. | 6 | | | Anthony Seychell | Il-Kunsillier Anthony Seychell informa lil Kunsill li għal darb'oħra ser jitella' l-Konkors Letterarju u hawn hekk huwa propona diversi titli għal dan il-Konkors li l-Kunsill qabel magħhom nem.com. Is-Sur Seychell propona ukoll li jiżdiedu l-premijiet tal-Konkors Letterarju li ma din il-proposta l-Kunsill qabel ukoll nem.com. | Seychell |
| 10. | 10. | 7 | | | Anthony Seychell | Il-Kunsillier Anthony Seychell talab lil Kunsill aktar tagħrif dwar il-parkeġġ quddiem garaxxijiet, għax mill-jidher skond il-pulizija jekk ma jkollox No Parking sign mal-bieb tal garaxx wieħed jista' jipparkja avolja garaxx. Is-Segretarja ġie mitlub jikteb lil Perit Audrey Testaferrata De Noto - TM għal iktar informazzjoni dwar dan. | Seychell |
| 10. | 10. | 8 | | | Anthony Seychell | Il-Kunsillier Anthony Seychell issuġġerixxa li fi Ġnien Brejġu hemm spazzju għal 3 bankijiet oħra. Is-Sindku qal li hemm hekk diġa twaħħlu mad-9 bankijiet u l-parti li preżentament għadha vojta ser timtela b'taghmir ta' logħob għat tfal. | |
| 10. | 10. | 9 | | | Joe Hales | Il-Kunsillier Joe Hales issuġġerixxa sabiex fi Ġnien il-Qawsalla dak ta' Triq il-Labour, isir manutenzzjoni ġenerali. Is-Sindku spjega li dan il-Ġnien huwa wieħed minn dawk li huma pjanati li jsiru taħt l-iskema tal-Playing fields li jagħlihom diġa ġew sottomessi il-pjanijiet. | |
| | | | | | | | |
| Is-Sindku għalaq il-laqgħa 9.15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 01 ta' Diċembru 2011 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00p.m. | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| Joe Attard | | | | | | Anton Falzon | |
| Sindku | | | | | | Segretarju Eżekuttiv | |